MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1716/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**Rayiams Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Settembru, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm321.16) rappresentanti hlas ghal servizz telefoniku li igib n-numru 21896006, liema servizz gie installat fil-fond 20, Triq l-Arcisqof Mattei, Isla, skond diversi kontijiet mibghuta lilhom, skond prospett anness ma'l-avviz u immarkat bhala Dokument A, applikazzjoni immarkata bhala Dokument B u l-kuntratt relattiv immarkat bhala Dokument C.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm321.16), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------